MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 2/2010

**Tony Galea ID Card no 855752(M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi huwa gie notifikat b'dikjarazzjoni ufficjali tal-Kummissarju intimat permezz ta' ittra ufficjali li saret ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, li ggib id-data tad-9 ta' Dicembru 2009 numru 7245/09 (kopja annessa mar-rikors u mmarkata Dok A).

Illi permezz ta' din l-ittra ufficjali huwa gie interpellat ihallas is-somma ta' tlett mija u disa' u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41).

Illi t-talba tal-Kummissarju intimata hija infondata kemm fil-fatt u fid-dritt partikolarment peress li t-talba hija preskritta skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-ammont riklamat fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-imsemmija ittra ufficjali m'huwiex dovut u dan kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi l-esponenti qieghed jipprevali mid-dritt moghti lilu ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikajra t-talba tal-kummissarju intimata bhala nfondata u dan skond dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-5 ta' Jannar 2010 (fol 5 tal-istess atti).

Rat dak verbalizz a fol 11 u fol 12 tal-atti.

Rat in-nota tal-intimat (fol 13 ibid) u li biha ceda l-pretenzjonijiet tieghu fl-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru 2009 bin-numru 7245/09 fl-ismijiet inversi in vista tat-tielet paragrafu tar-rikors promutur stante l-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent.

Illi ghalhekk, il-mertu ta' dan ir-rikors huwa ezawrit.

Rat dak verbalizzat a fol 14 ibid.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess u li minnu jirrisulta li l-intimat ammetta li ghandu jhallas l-ispejjes ta' din il-procedura.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-istess rikors, tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------